MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 624/2001/1

**Elizabeth Caruana**

**vs**

**Brian Caruana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici Elizabeth Grima u l-konvenut Brian Caruana zzewgu fl-20 ta’ April 1994 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. “EG1”;

Illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta’ kuntratt datat 15 ta’ Dicembru 1998 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella; Illi meta zzewgu l-kontendenti, l-attrici kellha sbatax-il sena u l-konvenut kellu dsatax-il sena;

Illi l-kunsens ta’ l-attrici ghaz-zwieg imsemmi nkiseb b’qerq dwar kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja illi ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet ta’ l-24 ta’ April 1994 fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat l-avviz ta’ l-1 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat il-verbali tat-2 ta’ Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut; tat-23 ta’ Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali; ta’ l-24 ta’ Gunju 2002 fejn Dr. Illona Blackman, ghall-attrici talbet li n-notifika ssir ai termini ta’ l-art. 187 (3) tal-Kap. 12 u l-Qorti laqghet it-talba; tad-29 ta’ Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita sabiex issir il-pubblikazzjoni f’gazzetta lokali wahda; tat-12 ta’ Frar 2003 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata ta’ l-

affidavits attrici b'erbghin gurnata; u tat-13 ta' Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat li l-konvenut gie notifikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Settembru 2002 u bil-procedura ta' l-affissjoni (a tergo ta' fol. 13); tat-3 ta' Dicembru 2002;

Rat li l-konvenut gie notifika f'gazzetta lokali wahda permezz tan-nota ta' l-attrici tat-30 ta' Ottubru 2002;

Rat in-nota ta' l-attrici tal-5 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess;

Rat in-nota ta' l-attrici tat-28 ta' Frar 2003 li permezz taghha pprezentat l-affidavits ta' Joseph Zahra u Marco Grima;

Rat li ghalkemm il-konvenut kien debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, huwa baqa` ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

l-attrici fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi jiena ma kelliex tfulija normali fis-sens li ma trabbejtx mal-genituri tieghi. Minn mindu kelli tlett ijiem sa ma kelli hames snin rabbewni Joan u Joe Pollacco. Ommi kienet haditni ghand Joan Pollacco biex izzomni lejl u taghtha xi seba` liri Maltin (Lm7) u ma gietx ghalija. Ommi ma nafhiex u meta kont zghira forsi rajtha xi darba jew darbtejn. Imbaghad meta kelli hames snin mort ma' ommi u ma' missieri, forsi ghamilt tlett xhur nghix maghhom ghax ommi telqet mid-dar. Lili dahhluni go l-Istitut Vincenzo Bugeja, Santa Venera u hemmhekk ghamilt*

*tminn snin. Meta kelli erbatax il-sena hrabt milI-istitut pero' ergajt ritornajt lura. Wara li hrabt milI-istitut missieri kien iffirmali biex nohrog mill-istitut. Qabel qatt ma kien ried jiffirmali. Il-genituri tieghi kienu separati minn xulxin u jiena kont narahom separatament gurnata wahda fil-weekend.*

*Illi wara li hrigt milI-istitut mort id-dar m'ommi u hemm ghamilt sa ma kelli sbatax-il sena. F'dan il-perjodu jiena kont spiccajt niehu hsieb hija z-zghir, Joseph, li dak iz-zmien kellu xi sitt snin. Nispjega Ii Joseph huwa t-tifel li ommi kellha minn ma' ragel iehor li mhux missieri. Jiena kont niehu hsieb ta' hija l-gurnata kollha ghax ommi kienet tohrog tilghab il-karti. Nghid ukoll li lanqas skola ta' l-obbligu ma spiccajt ghax meta hrigt milI-istitut ommi ma baghatitniex aktar skola biex inkun nista niehu hsieb lil hija z-zghir u cjoè niehdu l-iskola, nippreparalu l-lunch u naghmel il-facendi tad-dar. Dan l-ahhar skoprejt li ghandi ohti ohra u li dak li hsibt li huwa missieri u cjoè Anthony Grima m'huwiex missieri imma li missieri huwa ragel iehor li llum il-gurnata huwa mejjet.*

*Illi lil Brian iltqajt mieghu meta kelli hmistax-il sena. Konna San Gwann jiena u kugina tieghi u ltqajt mieghu hemm. Tisti tghid Ii bdejna nohorgu flimkien mill-ewwel. Anke omm u missier Brian kienu mifrudin. Brian u huh, meta ltqajt mieghu, kienu joqghodu ghand missieru. Wara ftit li itqajt mieghu Brian u missieru qabdu jaghtu u missieru keccih u Brian mar joqghod ghand ommu, San Giljan. Dan l-ahhar sirt naf li nehhew lil huh iz-zghir mid-dar ta' missieru minhabba xi abbuz.*

*Illi peress li kont niehu hsieb lil hija z-zghir dan kien ikun mieghi l-gurnata kollha sahansitra meta kont niltaqa` ma' Brian. Kemm Brian kif ukoll jiena konna niddejqu bil-fatt Ii hija kien ikun mieghi. Darba Brian kien qal lil ommi biex thallini nohrog wahdi u ghalhekk xi daqqiet hija z-zghir kien jibqa` ma' hija l-iehor, James. Pero` jekk kont nasal id-dar tard, per ezempju fl-ghaxra u ghaxra ta' bil-lejl flok fl-ghaxra, ommi kienet taqfilni barra. Kienet thallini xi siegha barra l-bieb u mbaghad tinzel tiftahli. Lil hija James gieli hallietu barra l-lejl kollu. Darba Brian kellu xi jghid maghha fuq dan u qalilha li jekk terga` taqfilni barra ma*

*jgibnix lura. Wara ftit izzewwigna. Nghid ukoll li apparti li kont niehu hsieb lil hija kont nahdem ukoll il-Golden Sands.*

*Illi meta kont nohrog mieghu jiena kont immur ghand ommu li kellha post. Jiena kont dejjem nghidlu li xtaqt nizzewweg biex nitlaq mid-dar. Darba Brian mar jiccekkja jekk ma stajtx nizzewweg minhabba l-eta` tieghi, nfurmawh li stajt u allura jiena ghidtlu biex jaghmel id-data. Ma kellniex post taghna imma konna ha mmorru noqghodu ghand ommu. Dak iz-zmien la jiena u lanqas hu ma kellna impjieg.*

*Illi ghamel id-data u zzewwigna fi zmien qasir bir-registru. Ghamilna festin zghir fejn hallast kollox jien u morna mill-ewwel ghand ommu. Ghand ommu domna nghixu xi sitta jew sebgha xhur. Mbaghad ommu telqet biex tmur tghix mal-partner taghha, riedu jwaqqghu l-post u kellna nohorgu. Krejna post il-Hamrun, u hemmhekk ghamilna xi erba' xhur flimkien.*

*Illi meta spiccajna kont id-dar u hu dam ma gie u mbaghad meta gie lura qalli jiena u inti daqshekk u li ddejjaq minn din is-sikkatura. Ghamilt xahar nibki sakemm persuna Saviour maghruf bhala Sue, li gheni hafna, u hrigt mill-problema. F'dak iz-zmien kien qabad jaghtini u jiena kont tlaqt ghand ommi. Dan kollu gara ghaliex jiena ridt immur il-Bamboo Bar f' Paceville fejn kien jahdem dak iz-zmien u hu ma riedx. F'dik is-sena b'kollox jiena tlaqtu xi tlett darbiet u mort lura ghand ommi. It-tlett okkazjonijiet li tlaqt kien ghax kien vjolenti fil-konfront tieghu. F'din is-sena waqt li konna ghadna nghixu San Giljan jiena kont qbadtu d-dar ma' mara wahda, qbadtu l-ghada li kien vjolenti fil-konfront tieghi. Din il-mara kienet persuna li lili kienu jghiduli li qeghda mieghu. Hu ma kienx iridni fejn ikun hu. Meta kien jahdem f'certa bars gewwa Paceville hu ma ridnix mieghu.*

*Illi ftit qabel ma ffirmajna l-kuntratt ta' separazzjoni jiena kont ghadni noqghod hemm u kien ikun hemm tfajla ohra li kienet tkun id-dar ukoll u mhux l-ewwel darba li qbadthom fil-fatt.*

*Illi meta ltqajt mieghu kien ihallat il-pilloli ma' l-inbid u jien ghidtlu biex jieqaf. Wara z-zwieg sirt naf li jiehu d-droga, u kemm domt nghix mieghu gieli gew il-pulizija u ghamlulu search id-dar. Illum il-gurnata naf li ghandu diversi kazijiet il-Qorti mal-Pulizija.*

*Illi wara kont hrigt tqila minn haddiehor u qalli biex nitlaq mid-dar ghax ma riedx tfal u jiena tlaqt ghal kollox."*

**ii) Principji Legali.**

L-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null inter alia a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond* xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null;

**(c)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – 22 ta' Novembru 1982).

Element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi mill-provi kollha prodotti ma giex pruvat soddisfacentement li l-konvenuta qatt qarqet bl-attur dwar xi kwalita` taghha.

L-attur isostni illi l-kunsens tal-partijiet kien null a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:

"**(d)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta, diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza "**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**" (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' Viladrich:

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686).

Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an*

*expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (Viladrich, P.J., op.cit., p. 687).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg peress li hija riedet tahrab mill-post fejn kienet qed tghix u ncida fuqha hafna l-fatt li hija sfortunatament kellha tfulija difficli peress li ma trabbietx mill-genituri taghha tant li ghall-ewwel hames snin ghexet mal-koppja Joan u Joe Pollacco u wara ddahhlet fl-istitut Vincenzo Bugeja fejn damet tghix hemm ghal tminn snin sakemm kellha erbatax-il sena, u wara jidher li bdiet tghix m'ommha sakemm kellha sbatax-il sena f'liema perjodu kienet dizilluza, peress li ommha kienet hallietha tiehu hsieb lil huha z-zghir li kien wild ommha ma' ragel iehor mhux missier l-attrici.

Illi f'dan l-ambjent hija jidher li kellha seba' mitt sena sabiex titlaq mid-dar u ltaqghet mal-konvenut meta kellha biss hmistax-il sena. F'dan il-perjodu jidher li l-attrici hassitha li kellha sikkatura mid-dar fir-relazzjoni taghha mal-istess konvenut u allura ghamlet il-hsieb li tizzewgu sabiex tehles minn dan kollu. Minn naha l-ohra jidher li l-konvenut kellu wkoll problemi mal-genituri tieghu, tant li kien spicca jghix ma' missieru u ma jghix m'ommu li kienet ukoll separata.

Illi kienu dawn ic-cirkostanzi li wasslu lill-kontendenti sabiex jaghmlu dan il-pass taz-zwieg qabel iz-zmien, minghalihom li ha jsolvu kollox, imma in verita` gara l-oppost peress li ma kien hemm l-ebda ffjatament bejn l-kontendenti, u jidher, almenu mix-xhieda ta' l-attrici li l-

konvenut ma kienx lejali lejn l-attrici, u kien nieqes mit-tnejn kull element ta’ serjeta` u sentiment lejn xulxin neccessarju ghall-validita` ta’ din l-unjoni.

Illi abbazi tal-premess jidher li l-kontendenti dahlu ghal dan z-zwieg ghar-ragunijiet zbaljati u nieqsa mid-diskrezzjoni necessarja sabiex jikkoncepu n-natura tad-drittijiet u d-dmirijiet li huma bazici w essenzjali ghal tali unjoni, u dan sforz l-immaturita` taghhom u anke c-cirkostanzi kollha ta’ hajjithom li bihom kienu mdawra, li neccessarjament influwenzaw l-ghazla taghhom, li b’ghagla jidhlu ghal dan iz-zwieg civili bla ebda preparamenti ta’ xejn.

Illi ghalhekk fuq din il-bazi jidher li t-talba attrici ghandha tigi milqugha skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligjiet ta’ Malta** li jidher li gew sodisfatti, u dan ghar-raguni mputabbli liz-zewg partijiet.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** din l-Qorti thoss li m’hemmx bazi kemm sabiex tipprofondixxi fuq l-istess u lanqas sabiex it-talba attrici tigi milqugha skond dak hemm stipulat, anke peress li mill-provi dan ma jirrizultax.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa’ t-talba attrici b’dan illi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet ta’ l-24 ta’ April 1994 fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u partikolarment abbazi ta’ l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligjiet ta’ Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------